

Brussell, 18 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9525/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0398(NLE)

COMPET 593
RECH 235
FIN 723
ENER 262

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	16733/25 + ADD 1 + ADD 2
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm, dwar il-linji gwida finanzjarji pluriennali għall-immaniġġar tal-assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2003/77/KE u 2008/376/KE - Adozzjoni

1. Fl-10 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm, dwar il-linji gwida finanzjarji pluriennali għall-immaniġġar tal-assi tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2003/77/KE u 2008/376/KE.
2. F'konformità mal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (RFCS) huwa programm ta' riċerka tal-UE, iffinanzjat barra mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali mid-dħul tal-assi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni allokat għal dan il-fond. L-RFCS jiffinanzja esklużivament proġetti ta' riċerka fis-setturi tal-faħam u l-azzar.

3. Id-Deċiżjoni proposta hija parti minn pakkett ta' proposti biex jiġi rivedut il-qafas legali tal-RFCS sabiex jiġi previst finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu appoġġati d-dekarbonizzazzjoni, it-tranżizzjoni nadifa u l-kompetittività tas-setturi tal-faħam u tal-azzar. Din il-proposta tistabbilixxi l-linji gwida tekniċi għall-Programm ta' Riċerka, b'objettivi riveduti u kundizzjonijiet tas-sejħa, tallinja r-rati ta' finanzjament mal-programmi ta' finanzjament tar-riċerka tal-UE, u tistabbilixxi l-linji gwida finanzjarji għall-immaniġġar tal-assi tal-RFCS.
4. Wara l-ħidma li saret minn Diċembru 2025 fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka, li rriżultat f'xi emendi għall-proposta inizjali, il-Kunsill (Kompetittività), fil-laqgħa tiegħu tas-26-27 ta' Frar 2026, laħaq approċċ ġenerali dwar it-test.
5. F'konformità mall-Protokoll Nru 37, l-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat dwar il-proposta. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Mejju 2026.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill, bħala punt "A" f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif riveduta mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 9507/26.
 - jitlob il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-informazzjoni.